MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 22a

25 ta' Frar 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 22 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar 2026 fil-5.30pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li kienet skużata minħabba raġunijiet ta' mard.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

### Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru. 21 li saret nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2026, ġew approvati wara li saret din il-korrezzjoni:

Is-Sur J. Buttigieg talab li s-silta 5.25.3. tinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-Kunsill preċedenti fil-fatt kienu bdew diskussjonijiet sabiex fid-dokument tas-sejħa għall-offerti, possibiliment ikun hemm klawsoli li jgħidu li l-ħlasijiet marbuta ma' dan il-proġett, jinqasmu u l-pagamenti jsiru fuq medda ta' tliet snin. Madanakollu, żied jgħid il-pagamenti għandhom isiru kollha matul il-leġislatura tal-Kunsill li jkun ħa din id-deċiżjoni, għax ma jkunx ġust li jitgħabba bihom il-Kunsill ~~ta'~~ li jiġi fil-leġislatura ta' wara.*

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għall-ħarġa kulturali li saret fl-24 ta' Frar 2026, attendew ħamsa u tletin persuna. Il-ħarġa kienet tikkonsisti fi żjara fit-Torri ta' San Tumas, f'Marsaskala u wara waqfa għall-kafe.

2.1.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li l-ħarġa kulturali tax-xahar ta' Marzu, hija ppjanata li ssir fit-18 ta' Marzu 2025 u ser tkun tikkonsisti fi żjara fil-Mużew tax-Xierfa, fir-Rabat, Malta.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill għad m'għandux data meta ser jiltaqa' l-Kunsill Lokali tat-Tfal. Hija qalet li appena tkun infurmatha bid-data, hija ser tinforma lill-Kunsill.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

**2.3.1. 'Basic Community Assessment' minn Grupp ta' Infermiera fl-Ewwel Sena tal-Kors fl-Università ta' Malta (M/8/Vol VIII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li hija ltaqgħet ma' grupp ta' seba' infermiera li qegħdin fl-ewwel sena tal-kors tal-infermiera fl-Università ta' Malta. Din il-laqgħa saret wara talba li saret minnhom stess, sabiex ikollhom l-opportunità li jiltaqgħu ma rappreżentant tal-Kunsill u miegħu jiddiskutu s-servizzi offruti fil-komunità primarjament dawk marbuta mas-saħħa.

2.3.3. Hija qalet ukoll li bħala parti mill-istudji tagħhom, dawn l-infermiera ser jagħmlu 'Basic Community Assessment' fuq il-Mellieħa.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin xtaqet tirringrazzja pubblikament lis-Surġent Ivan Mifsud għall-intervent tiegħu sabiex jiġi evitat li ġenituri li jwasslu t-tfal tagħhom l-iskola, ma jipparkjawx il-vetturi tagħhom quddiem il-garaxxijiet tar-residenti.

2.4.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li s-Surġent ħa azzjoni u jidher li din l-inkonvenjenza għar-residenti ta' Triq Ġuze' Flores spiċċat.

2.4.4. Is-Sindku xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jgħarraf li saret it-tnedija tal-inizjattiva 'Neighbourhood Watch' fil-Manikata. Żied jgħid ukoll li l-Kunsill flimkien mal-Pulizija tal-Komunità qed ifasslu ittra sabiex tintbagħat lill-cat feeders kollha tal-Mellieħa u tal-Manikata bil-għan li filwaqt li l-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma tagħhom, tintalab il-koperazzjoni tagħhom fuq diversi punti li qed joħolqu inkonvenjenzi.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Sessjonijiet ta' 'Trekking' fil-Mellieħa (S/4/2/Vol V)**

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li avviċinawha persuni li kienu jmorru sessjonijiet ta' trekking li kienu jsiru fil-Mellieħa minn grupp ta' persuni li kienu jiltaqgħu b'mod regolari. Dawn il-persuni talbu il-koperazzjoni tal-Kunsill biex possibiliment jerġa' jagħti bidu għal dawn is-sessjonijiet li kienu apprezzati ħafna minn dawk ir-residenti li jħobbu t-trekking.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjoni li jmiss ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser issir fil-21 ta' Marzu 2026 fil-11.00am.

2.6.3. Dwar is-suġġeriment li ssemma fis-seduta preċedenti li għandha ssir promozzjoni ta' dawn is-sessjonijiet fost il-familji Melleħin bi tfal żgħar, hija qalet li l-promozzjoni saret u jidher li ħadmet peress li kien hemm aktar attendenza ta' ġenituri bi tfal li joqogħdu l-Mellieħa.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Inizjattiva 'Sidewalk Libraries' (L/4/Vol IV)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill irċieva imejl datat 25 ta' Frar 2026 mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, dwar l-inizjattiva 'Sidewalk Libraries' imnedija mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

2.7.3. Hija fakkret li l-Kunsill diġà ffirma Memorandum of Understanding f'dan ir-rigward u għaldaqstant ikkonferma s-sehem tiegħu f'din l-inizjattiva. Il-post propost huwa l-playing field ta' Triq l-Erwieħ u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser tagħti mitt ktieb fis-sena. Il-Kunsill ser ikun responsabbli miż-żamma tas-Sidewalk Library.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. SPI.SCI.10.2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2026 – 2027 (E/3/1/Vol V) (E/3/1/9/Vol IV)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s'issa l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda feedback fuq l-applikazzjoni li ġiet sottomessa, biex isiru sessjonijiet ta' tagħlim għall-adulti fil-Mellieħa.

2.8.3. Għal dan il-għan, is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ 'Espressjoni ta' Interess' għall-għalliema interessati li jagħtu lezzjonijiet tal-Malti għall-Barranin, Ingliż għall-Barranin, il-Ganutell u l-Bizzilla taċ-Ċombini. Il-kors tal-Arti jista' jsir bil-kollaborazzjoni ta' Art Club 2000.

2.8.4. Hija ħadet din l-opportunità sabiex tgħarraf li, TCTC Ltd għal sena oħra qed jipproponi kors għat-tfal matul ix-xhur tas-sajf 2026 dwar 'Co-Pilot AI'. Il-kors jiswa' €2,500 u jistgħu jattendu sa ħamsin tifel u tifla. L-ispejjeż għal min japplika huma ta' €10 biss għall-entry fee.

2.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għamel referenza għat-talba li Project Green għamlu lill-Kunsill, sabiex il-Kunsill jagħti konċessjoni lill-kuntratturi jaħdem bejn is-6.00am u t-8.00pm mit-Tnejn sas-Sibt.

3.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li sfortunatament il-kuntrattur mhux jibda qabel l-10.00am. Dan huwa jista' jixhdu, peress li huwa jmur fuq il-post kuljum u jagħmel rapport, peress li ġie nkarigat biex jagħmel monitoring tax-xogħol marbut ma' dan il-proġett min-naħa tal-Kunsill. Għal din ir-raġuni, huwa tal-opinjoni li l-Kunsill m'għandux jagħti din il-konċessjoni. Huwa għarraf ukoll li l-kuntrattur Derek Garden Centre ma tantx laqa' tajjeb il-fatt li l-Kunsill qed jagħmel rapport dettaljat fuq l-andament tax-xogħol, liema rapport jintbagħat lill-Kunsill u lil Project Green kuljum. Madanakollu, is-Sur E. Bartolo qal li huwa jirrapporta biss dak li jara onsite.

3.1.4. Is-Sindku G. Micallef qal li r-rapporti li jsiru dejjem kienu fair u madanakollu l-Kunsill għandu jagħmel monitoring min-naħa tiegħu.

3.1.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jekk il-kuntrattur mhux jimmassimizza s-sigħat, il-Kunsill m'għandux jagħti l-konċessjoni.

3.1.6. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-Kunsill ikun qed imur kontra l-liġi, jekk jagħti din il-konċessjoni.

3.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Installazzjoni ta’ Cameras tas-Sigurtà (C/9)

3.2.2. Dwar il-proġett ta’ installazzjoni ta’ erba’ cameras tas-sigurtà fl-entraturi prinċipali tal-Mellieħa, is-Sinndku għarraf li huwa ltaqa’ ma’ rappreżenant minn Albera Fire & Security Equipment Ltd , u flimkien daru l-erba’ postijiet fejn ser jitwaħħlu l-cameras tas-sigurtà.

3.2.3. Dwar is-sejħa għall-offerti dwar l-installazzjoni ta’ CV Cameras fl-entraturi tal-Manikata, is-Sindku qal li kif wieħed seta’ jsegwi mill-minuti tal-Kumitat t’Evalwazzjoni, il-kuntratt ingħata lill-iSpy Ltd. Fil-ġranet li ġejjin, huwa qal li ser isir kuntatt ma’ din il-kumpanija sabiex jibdew il-kuntatti biex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet meħtieġa.

3.2.4. Is-Sindku rrefera wkoll għall-proposta li saret mit-tim tal-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa, sabiex il-Kunsill jinstalla cameras tas-sigurta’ f’Santa Maria Estate. Huwa qal li permezz tal-proġett ta’ installazzjoni ta’ erba’ cameras tas-sigurtà fl-entraturi prinċipali tal-Mellieħa, issa l-Kunsill jista’ jinvesti f’żewġ cameras oħra biss f’dawn il-postijiet:

i. La Salle Mellieħa Retreat Centre f’Dawret it-Tunnara kantuniera ma’ Triq Għajn Żejtuna; u
ii. Fil-bidu ta’ Triq Għajn Zejtuna.

3.2.5. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal żewġ solar cameras.

3.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1 Is-Sitwazzjoni dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

3.3.2. Dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart domestiku, is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar il-Ħamis, 5 ta’ Marzu 2026, is-Sindki fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Tramuntana ġew mistiedna jattendu laqgħa li għaliha ser jattendu l-Onor. Alison Zerafa Civella – is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u s-Sur Emil Vassallo – id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Din il-laqgħa ser issir fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana u matulha ser jiġu diskussi fost l-oħrajn id-diffikultajiet li l-Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun qed jaffaċċaw fir-rigward tal-kuntratt tal-ġbir ta’ skart domestiku.

3.3.3. Is-Sindku rrefera wkoll għall-imejl datat 11 ta’ Frar 2026 mibgħut mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana, fejn il-Kunsill ġie mitlub jidentifika postijiet hekk imsejħa ‘hotspots’ fejn isiru abbużi mir-residenti fejn jidħlu ħruġ ta’ boroż tal-iskart. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mgħarraf li din l-informazzjoni ntalbet mill-ERA, peress li l-ERA żiedu l-uffiċjali tagħhom biex jagħmlu spezzjonijiet. Is-Sindku qal li huwa għadda din il-lista ta’ toroq:

Triq Santa Marija
Triq Dun Franġisk Sciberras
Triq Sammy Bartolo
Triq Adenau
Triq l-Għoljiet
Triq l-Etna
Triq is-Sagħtar
Triq il-Miġbha
Triq l-Għerien
Triq tas-Salib
Triq il-Għasel
Triq l-Iżbark tal-Franċiżi
Triq Ħalq iċ-Ċawl
Triq il-Fortizza
Triq Ta’ Masrija

Triq il-Lellux
Triq ir-Rattan
Triq il-Kunsill tal-Ewropa
Triq il-Qortin
Triq Ta' Fuq il-Miġduma
Triq Galileo Galilei
Triq Isaac Newton
Triq il-Marfa
Triq il-Qarnit
Dawret it-Tunnara
Triq it-Tunnaġġ
Triq l-Arżnell
Triq it-Tumbrell
Triq il-Mejjiesa
Triq il-Knisja l-Qadima
Triq il-Marlozz

3.3.4. Is-Sindku għarraf ukoll li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana ser jagħti għoxrin 'mouse bait traps' għall-użu tal-Kunsill.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni – 30/01/2026;
- Minuti tal-Laqgħa tal-Kumtiat t'Evalwazzjoni – 11/02/2026;
- Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 27/01/2026;
- L-Unaudited Financial Statements 2025;
- Mellieħa Profiling Exercise Report;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/02/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/01/2026 – 21/02/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tiġdid tal-Karta tal-Identità mill-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/3/Vol III)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa għamel talba lill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava dwar il-possibiltà li jerġa' jsir eżerċizzju ta' tiġdid tal-karta tal-identità mill-Mellieħa stess.

5.1.3. Is-Sindku qal li din it-talba ġiet aċċettata u rappreżentanti ta' Identità Malta ser ikunu l-uffiċċju tal-Kunsill bejn l-4 u s-7 ta' Marzu 2026.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li l-applikazzjonijiet aġġornati neċessarji biex isiru dawn ix-xogħlijiet fit-toroq qed jiġu kkumpilati. Appena jkollu aktar informazzjoni, huwa ser iżomm il-Kunsill infurmat.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.3.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)

5.3.2. Dwar il-proposta ta' Bus Interchange fi Triq Selmun, is-Sindku ippropona li l-Kunsill flimkien mal-Perit tiegħu l-Perit Matthew Casha jerġa' jevalwa l-applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill, u jara jekk din tistax terġa' tiġi attivata.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.4.1 Xogħol Infrastrutturali minn WSC fi Triq il-Miżieb u fi Triq il-Barkazza/Għar u Casa (W/2/Vol IV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tibda t-tielet fażi tax-xogħlijiet fi Triq il-Miżieb li ser iwasslu sal-inħawi magħrufa 'Tal-Għansar'. Dawn ix-xogħlijiet huma ppjanati li jibdew dalwaqt madanakollu l-Korporazzjoni għadha qed tistenna li Transport Malta tawtorizza t-Traffic Management Plan.

5.4.3. Is-Sindku xtaq jirreferi wkoll għax-xogħlijiet t'emerġenza li l-Korporazzjoni qed tagħmel fil-Wied tal-Miżieb u għal rapport li l-Kunsill irċieva fuq dawn ix-xogħlijiet. Ir-rapport jgħid li dan il-Wied huwa protett taħt Natura 2000, kif ukoll huwa Special Area of Conservation of International Importance u Tree Protected Area, minħabba li fih jikbru siġar rari u għaldaqstant ma jista' jsir l-ebda żvilupp fih. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill huwa nfurmat li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kellhom jibnu mina taħt l-art u jgħaddu s-servizzi minnha biex ma ssirx ħsara lil dan il-wied. Madanakollu, sfortunatament jidher li dawn ix-xogħlijiet qed isiru proprju fil-Wied.

5.4.4. Għal dan il-għan, is-Sindku għarraf li minnufih il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u jidher li x-xogħlijiet twaqqfu. Madanakollu, il-Kunsill ser ikompli jsegwi dan il-każ.

5.4.5. Dwar ix-xogħlijiet t'emerġenza fi Triq il-Barkazza, is-Sindku għarraf li dawn ix-xogħlijiet jikkonsistu fit-tibdil ta' main għal wieħed temporanju minħabba li sfortuntament hemm leakage tad-drenaġġ li qed imur fil-garaxxijiet tar-residenti. Madanakollu, il-Kunsill huwa nfurmat li fejn qed isiru x-xogħlijiet, l-art hija privata u s-sid għalkemm ta l-permess biex isiru x-xogħlijiet temporanji, bagħat ittra bl-avukat peress li ma jixtieqx li jekk jiġi biex jibni din l-art isib l-ostakoli minħabba l-main tad-drenaġġ. It-triq bħalissa għadha miftuħa.

5.4.6. Dwar ix-xogħlijiet t'emerġenza fi Triq Għar u Casa, is-Sindku qal li la l-Kunsill u lanqas ir-residenti ma kienu nfurmati dwar dawn ix-xogħlijiet.

5.4.7. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li sfortunatament ir-residenti la setgħu joħorġu u lanqas jidħlu fi djarhom. Semmiet ukoll li l-makkinarju li hemm fit-triq qed jispiċċa jħalli ħafna tafal warajh fit-toroq minn fejn jgħaddi bil-konsegwenza li sewwieq ta' mutur sfortunatament skiddja.

5.4.8. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ħa ritratti tat-tafal matul Triq il-Marfa u l-Kunsill għadda r-rapport dwar il-periklu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

5.4.9. Dwar ir-rampa fejn l-istabbiliment tal-ikel One80, il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jara kif suppost hi skemata din ir-rampa u possibbilment jirranġaha skont kif inhi skemata għax kif inhi hija perikoluża.

5.4.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fir-rigward tal-proġett imsemmi, ix-xogħlijiet issa imminenti li jibdew. Fil-fatt, il-kuntrattur għarrfu li ser jibdew billi jpoġġu fencing madwar iż-żona affettwata.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (P/4/17, P/4/6/Vol VI)**

5.6.2. Is-Sindku għarraf li ser issir laqgħa bejn il-Kunsill, il-Perit Matthew Casha u s-sidien tal-istabbilimenti li hemm fil-qrib fir-rigward tal-proġett ta':

(i) it-tisbiħ tat-taraġ fi Triq l-Isqof Pace;

(ii) it-tisbiħ tat-taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier viċin Puzzu Restaurant.

5.6.3 Is-Sindku għarraf ukoll li fil-11 ta' Frar 2026, saret laqgħa mal-kumitat responsabbli mid-Development Planning Fund fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex il-Kunsill jikseb aktar informazzjoni dwar kif jista' jutilizza dawn il-fondi biex iwettaq il-proġetti ppjanati. Huwa qal li l-ammont li l-Kunsill għandu disponibbli f'dan il-fond bħalissa, jammonta għal €1,200,000.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1 Skambji ta' Żjarat bejn il-Kunsill u l-Comune di Cavriglia (K/1/5/3/Vol VI)**

5.7.2. Is-Sindku għarraf li l-Comune di Cavriglia talba biex issir laqgħa online dwar l-iskambji ta' żjarat li possibiliment isiru din is-sena.

5.7.3. Huwa qal li jixtieq jissuġġerixxi li din is-sena l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial titla' Cavriglia u l-tingħata l-opportunità lil dan il-Kor biex itella' programmi mużikali barra minn xtutna.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. L-Applikazzjoni ta' Żvilupp PA 5420/21 – Complete Redesign of the Former Hal-Ferh Site (P/5/1/Vol IV)**

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsillier E. Bartolo irrappreżenta lill-Kunsill fil-Planning Board Meeting li sar fid-19 ta' Frar 2026 dwar l-applikazzjoni msemmija u ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kunsill ukoll fil-Public Meeting li ser isir fis-26 ta' Frar 2026.

5.8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li waqt il-Planning Board Meeting l-iżvilupp ġie 'recommended for approval' u marbut ma' dan l-iżvilupp hemm Planning Gain li jammonta għal €225,000.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Speed Cameras fi Triq Lewis Wettinger (T/3/2/Vol XVIII)**

5.9.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva xi feedback dwar l-ispeed cameras fi Triq Lewis Wettinger.

5.9.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li s'issa l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda feedback.

5.9.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li barra minn Malta jeżistu traffic lights li jaqilbu aħmar malli jinterċettaw vettura li għaddejja bi speed eċċessiv.

5.9.5. Is-Sindku qal li s-Surġent Ivan Mifsud issuġġerixxa li jkun hemm żewġ points matul Triq Lewis Wettinger li jaqbdu kemm vettura tkun qed ittella' speed.

5.9.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Marfa, is-Sindku għarraf li x-xogħlijiet waslu fejn il-mina li taqsam minn Triq il-Marfa għal Triq it-Trill.

5.10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li parti minn din il-mina hija msaqqfa bil-ħnejjiet u importanti ferm li ma tiġix imblukkata għaliex minnha jgħaddi l-ilma tax-xita kollu li jinżel mill-Mellieħa.

.

5.10.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jibqa' jagħmel pressjoni fuq il-Malta Public Transport u l-WSC biex possibbilment tiżdied il-frekwenza tas-servizz tax-shuttle. Huwa qal li dwar il-proposta tal-Kunsill biex isiru bus stops temporanju fi Triq Lewis Wettinger u fejn ir-roundabout ta' Selmun, jidher li huwa diffiċli li dawn jiġu aċċettati minħabba issues ta' sigurtà. Dwar il-bus shelter propost għal Triq Edward Camilleri, dan ukoll jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Għal dan il-għan, il-Kunsill qiegħed jikkunsidra jmurx għal xi ħaġa temporanja u mhux xi ħaġa fissa għax tiġi spiża addizzjonali ma' dik ġa kommessa għal tmien bus shelters ġodda.

5.10.5. Huwa għarraf ukoll li x-xogħlijiet mistennija jibqgħu għaddejjin sa Mejju 2026 u mistenni li sa dak iż-żmien ix-xogħlijiet ikunu waslu sa Triq Adenau.F'Ġunju x-xogħlijiet jieqfu u jerġgħu jibdew f'Ottubru 2026. Bħala xogħlijiet jidhru li qegħdin avvanzati b'xahar.

5.10.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fi Triq il-Marfa fil-parti magħrufa bħala l-S Bend hemm crossing ieħor importanti u bl-arkati antiki wkoll..

5.10.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Marfa viċin Triq l-Erwieħ, taħt il-wiċċ tat-triq hemm għaddejjin cables tad-dawl.

5.10.8. Il-Kunsilliera L. Darmanin aċċennat għall-fatt li l-ilma ġieri waqaf għal kollox ġej fl-Għajn tal-Mellieħa.

5.10.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ilma waqaf ġej f'salt, għax xi ftit xhur ieħor il-Kunsill kien mistieden għal site visit organizzata mill-Aġenzija responsabbli mirr-Riżorsi tal-Ilma u l-Enerġija u kien għadu ġej. Huwa staqsa jekk kienx sar it-tindif tal-Għajn tal-Mellieħa iżda s-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol għadu pendenti.

5.10.10. Dwar il-bus stop 'Ruman', is-Sindku qal li l-Kunsill issuġġerixxa li jkun hemm xi tip ta' segregazzjoni biex ikun hemm sigurtà għal min jagħżel li jimxi sa dan il-bus stop. Madanakollu, din ir-responsabbiltà għaddiet għand il-Kunsill ukoll.

5.10.11. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa oriġinarjament kien issuġġerixxa li l-karozzi tal-linja jidħlu u jdawwru fl-inħawi tal-Wellbees Supermarket. Huwa jissuġġerixxi li mqarr jidħlu ċertu rotot biss.

5.10.12. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li biex possibiliment taħdem din il-proposta, trid tneħħi l-parking kollu minn Triq Ħalq iċ-Ċawl.

5.10.13. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li biex din il-proposta taħdem, ser jintilef ħafna parking u ser noħolqu inkonvenjenzi mhux żgħar għar-residenti li joqogħdu f'dawn l-inħawi. Huwa żied jgħid li l-Kunsill diġà kellu jieħu deċiżjoni biex ineħħi l-parking kollu matul Ġnien il-Qigħan biex il-karozzi tal-linja jekk tiġi aktar minn waħda f'salt, ikollhom fejn jipparkjaw.

5.10.14. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-bidu ta' Triq il-Fortizza minn Triq il-Kbira diġa' hemm inkonvenjenzi bin-numru ta' vannijiet tad-deliveries.

5.10.15. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk hux possibbli li l-karozzi tal-linja jidħlu Selmun minflok jew inkella jkun hemm stazzjonati uffiċjali ta' Transport Malta biex il-karozzi tal-linja jkunu jistgħu jieqfu mar-roundabout ta' fejn Wellbees Supermarket.

5.10.16. Is-Sindku G. Micallef għarraf ukoll li x-xufiera li jbattlu l-ibins ta' Triq l-Arżnell qed isibu diffikultà kbira biex jgħaddu mir-rotot alternattivi, peress li t-trakkijiet tagħhom huma kbar u ma jgħaddux. Għaldaqstant, intlaħaq ftehim sabiex is-servizz ikun sospiż temporanjament sakemm it-trakkijiet jerġa' jkollhom aċċess. Hawnhekk il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li jitpoġġew notices mal-ibins biex ir-residenti ma jkomplux jagħmlu użu minnhom.

5.10.17 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jkompli jikkunsidra soluzzjonijiet vijabbli u jkompli jiddiskutihom.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel laqgħa taż-żgħażagħ li qed jieħdu sehem f'dan il-proġett ser issir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2026 filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-Iskejjel Primarji 'Eko Skola' (A/4/5/Vol IV)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsilliera L. Darmanin attendew għal-laqgħa tal-kumitat Eko-Skola fi ħdan l-iskola primarja tal-Mellieħa.

5.12.3. Huwa qal li bħala parti mill-kollaborazzjoni mal-Kunsill, it-tfal ħejjew sett ta' mistoqsijiet, għamlu audit fuq il-Park tal-Familja u issa l-Kunsill qed jistenna l-feedback mingħandhom biex jara kif jista' jikkollabora u jindirizza talbiet li ser iressqu.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026, il-Bord tal-Intervisti iltaqa' u għamel l-interview lil Ms Paola Borg li applikat għall-Administration Officer II fi Skala 10 wara sejħa pubblika.

5.13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għar-rapport li sar wara l-intervista, liema rapport tqassam lil kull membru tal-Kunsill, u għar-rakkomdazzjoni li għamel il-Bord tal-Intervisti. Fil-fatt, il-Bord tal-Intervisti rrakkomanda l-ingaġġ ta' Ms Paola Borg fid-dawl li Ms Paola Borg issodisfat ir-rekwiżiti kollha meħtieġa.

5.13.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Intervisti u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tipproċedi bil-proċeduri neċessarji biex isir l-ingaġġ ta' Ms Paola Borg.

5.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.14.1. Kalendarju Kulturali 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għas-silta 5.14.4. tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li d-Dog Walk saret nhar is-Sibt, 21 ta' Frar 2026 u kienet suċċess. Huwa żied jgħid li l-attendenza kienet waħda sabiħa u nkoraġġanti ħafna. Matul din it-tieni edizzjoni li saret b'kollaborazzjoni ma' Noah's Ark Animal Sanctuary u l-Cat Feeders reġistrati mal-Kunsill, is-Sindku qal li l-Kunsill ġabar ikel għall-klieb fis-santwarju Noah's Ark u għall-qtates li jieħdu ħsieb il-cat feeders. Huwa rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill li attendew.

5.14.3. Huwa għamel referenza għas-silta 5.14.5. tal-minuti tas-seduta preċedenti dwar il-Mixgħela, u qal li l-Mixgħela edizzjoni 2026 ser issir nhar Ħamis ix-Xirka. Huwa qal li l-Kunsill qed jorganizzaha bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda tan-Nar Marija Bambina partikularment bil-għajnuna tal-President is-Sur Anthony Caruana. Fil-fatt, huwa qal li s-Sur Anthony Caruana beda jaħdem fuq id-disinn u din is-sena ser jintużaw disat elef xemgħa. Huwa qal ukoll li l-budget għal din l-inizjattiva huwa ta' €4,000.

5.14.4. Is-Sindku qal ukoll li din is-sena, ser ikun hemm mejda f'kull entratura tal-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa bil-għan li jinġabru donazzjonijiet b'risq Puttinu Cares. Is-Sindku żied jgħid li huwa tkellem mas-Sur Joseph Vella – l-organizzatur tal-Mixja tal-Ġimgħa l-Kbira li ta l-approvazzjoni tiegħu biex il-Kunsill jiġbor ukoll donazzjonijiet għall-Puttinu Cares. Dan biex jiġi evitat overlapping.

5.14.5. Dwar il-proposta biex il-Mixgħela tiġi estiża għall-Manikata wkoll, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel budget ta' €1,000 li jkun jista' jirkupra mill-Fond tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana għall-Mellieħa, peress li din l-ispiża ma kinitx imdaħla fl-estimi għas-sena 2026.

5.14.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-3 ta' Frar 2026, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna jattendu laqgħa bilaterali mal-Managing Authority – Funds and Programmes Division dwar il-proġett ta' resurfacing tat-triq rurali 'Ta' Bejn il-Ġonna'.

5.15.3. Is-Sindku għarraf li filwaqt li l-Managing Authority saħqet li dan il-proġett jingħalaq sal-aħħar ta' din is-sena, min-naħa tal-Kunsill ġew spjegati r-raġunijiet diversi għala l-proġett waqa' xi ftit lura partiikolarment matul is-sena 2025.

5.15.4. Is-Sindku tkellem ukoll dwar id-deċiżjoni li kellu jieħu l-Kumitat t'Evalwazzjoni fuq parir tal-Managing Authority u tal-Procurement Section tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-sejħa għall-offerti CFT MLC 07/2025 – Resurfacing of Rural Road 'Ta' Bejn il-Ġonna'. Fil-fatt, huwa qal li l-Kumitat t'Evalwazzjoni fuq parir tal-Procurement Section tad-DLG, għamel evalwazzjoni tat-tliet sottomissjonijiet li saru, iżda fuq parir tal-Managing Authority ikkanċella s-sejħa għall-offerti minħabba nuqqasijiet importanti li kien hemm fid-dokument tal-offerta. Huwa żied jgħid li l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat t'Evalwazzjoni li saru fit-30 ta' Jannar 2026 u fil-11 ta' Frar 2026 tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill. Appelli min-naħa tal-bidders ma kienx hemm.

5.15.5. Is-Sindku G. Micallef qal li biex id-dokument tal-offerta jkun konformi ma' standards imposti mill-Unjoni Ewropea, il-Kunsill qed jagħmel użu mis-servizzi tas-Sur Martin Casha biex jaċċerta ruħu li d-dokument ikun drafted kif suppost, kif ukoll id-dokument tal-offerta 'l ġdid ser jiġi vetted mill-Procurement Section tad-DLG qabel ma jerġa' jiġi ppubblikat.

5.15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Il-Performance Appraisal Report (2025) ta' Ms Rosalina Mifsud (P/7/1/Vol XVII)

5.16.2. Saret referenza għall-imejl datat 24 ta' Frar 2026 mibgħut mis-Sinjura Rosalina Mifsud fejn staqsiet dwar il-Performance Appraisal Report tagħha għas-sena 2025.

5.16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li peress li l-Kunsill kien investa u ta l-opportunità lil Ms Rosalina Mifsud tattendi diversi sessjonijiet ta' taħriġ fuq il-book keeping u ż-żamma tal-accounts kif ukoll fuq First Aid matul is-sena li hija għamlet taħdem fl-uffiċċju tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li għandu jirkupra parti minn dan l-investiment li sfortunatament ma ssarrafx, billi ma jħallasx il-performance bonus.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.17.1. Danni kkważati fuq vettura DPB 052 fil-limiti tal-Aħrax (D/5/Vol II)

5.17.2. Saret referenza għal talba li saret mis-Sur Luke Farrugia s-sid tal-vettura DPB 052 dwar danni li allegatament il-vettura sofriet fil-25 ta' Diċembru 2025, fil-limiti tal-Aħrax tal-Mellieħa. Id-danni kienu jikkonsisti fi ħsara fil-mera li ħabtet ma' siġra li allegatament kienet kibret u ħarġet fit-triq. Is-Sur Luke Farrugia kien qed jitlob kumpens ta' €140.20c.

5.17.3. Fuq parir legali u wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jitlob għal aktar evidenzi.

5.17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.18.1. Danni kkważati fuq vettura JBL 142 fi Triq il-Kbira (D/5/Vol II)

5.18.2. Reġgħet saret referenza għat-talba li kienet saret mis-Sur Joseph Matthew Attard sid tal-vettura JBL 142, dwar danni li allegatament il-vettura sofriet fis-17 ta' Lulju 2025, fi Triq il-Kbira preċiżament fiż-żona ta' parkeġġ fejn il-Wellbees Supermarket. Is-Sur Joseph Matthew Attard reġa' ressaq it-talba tiegħu lill-Kunsill peress li Infrastructure Malta m'aċċettatx it-talba tiegħu peress li l-bankina ma tinsabx fi triq arterjali. Is-Sur Joseph M. Attard qed jitlob kumpens ta' €514 + VAT.

5.18.3. Fuq parir legali u wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi din il-claim lill-insurers tiegħu allavolja l-bankina ma saritx mill-Kunsill.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Danni kkawżati fuq vettura CLY 122 fi Triq il-Mellieħa (D/5/Vol II)

5.19.2. Saret referenza għat-talba li saret mis-Sur Anthony Sant sid il-vettura CLY 122 dwar danni li allegatament il-vettura sofriet fl-1 ta' Frar 2026 fi Triq il-Mellieħa. Id-danni kienu jikkonsistu fi ħsara f'tyre li ġarrab ħsarat f'ħofra li kien hemm f'din it-triq. Is-Sur Anthony Sant kien qed jitlob kumpens ta' €170.

5.19.3. Fuq parir legali u wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jħallas għal dawn id-danni mingħajr preġudizzju, iżda peress li l-Kunsill ftit wara għamel patching tat-toqba in kwistjoni.

5.19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-kuntrattur beda x-xogħol ta' asfaltar bit-tarmak fi Triq il-Fortizza.

5.20.3. Huwa xtaq li jieħu din l-opportunità sabiex jirringrazzja lill-entitajiet bħal Infrastructure Malta għax-xogħlijiet infrastrutturali li qed iwettqu fil-Mellieħa.

5.20.4. Huwa xtaq jagħmel ringrazzjament partikularment lill-Perit Reuben Sammut li huwa l-Perit responsabbli għal dawn ix-xogħlijiet, għall-ħidma tiegħu u għas-sapport tiegħu biex setgħu jiġu ndirizzati nuqqasijiet varji matul dan il-proġett.

5.20.5. Huwa ħa din l-opportunità biex jgħarraf li huwa bagħat tfakkira lil Infrastructure Malta dwar Taraġ il-Landiera u huwa infurmat li l-Perit li kien inkarigat minn dan il-proġett inbidel, madanakollu għandu indirizz elettroniku tal-Perit li laħaq minfloku.

5.20.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Proposta għal 'Slow Street' fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XIX)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li huwa nfurmat li l-proposta biex Triq l-Etna fil-parti tal-belveder tiġi adottata l-inizjattiva slow street, din qed tiġi diskussa minn Transport Malta.

5.21.3. Huwa qal ukoll li fit-13 ta' Frar 2026, huwa bagħat tfakkira lil Transport Malta dwar il-proposta tal-Kunsill fir-rigward tar-Rotta 238 sabiex tibda titlaq mill-Manikata. Huwa qal li huwa nfurmat li qed tiġi studjata l-possibiltà li jkun hemm rotta diretta li mill-Manikata tmur l-isptar Mater Dei/l-Università.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.22.1. Is-Sistema ta' Parkeġġ fi Triq il-Kappillan Magri bejn Triq Santa Marija u Triq Sant'Anna (T/3/2/Vol XIX)

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li kellu talba minn proprjetarju ta' binja li għadha kif ġiet żviluppata fi Triq il-Kappillan Magri bejn Triq Santa Marija u Triq Sant'Anna. Huwa qal li peress li l-parkeġġ bħalissa f'din it-triq qiegħed fuq in-naħa tax-xelluq tagħha, vetturi kbar li qed jinżlu minn din it-triq anke peress li għaddej żvilupp aktar 'l isfel, dawn il-vetturi jew makkinarju qed jolqtulu u jagħmlulu ħsara fil-gallarija. Għaldaqstant, din il-persuna qed titlob jew li l-parkeġġ eżistenti jitneħħa u jsir fuq in-naħa tal-lemin tat-triq jiġifieri fejn hemm il-gallariji, jew inkella jitneħħew il-parking bays li hemm viċin il-gallarija.

5.22.3. Huwa kompla jgħid li fil-bidu ta' Triq il-Kappillan Magri hemm tabella li tindika li vetturi kbar ma jistgħux jgħaddu minn din it-triq. Madanakollu, issuġġerixxa li t-tabella titwaħħal fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex possibbilment ix-xufiera jarawha aktar.

5.22.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk il-parking bays isiru fuq in-naħa l-oħra tat-triq, hekk ikun hemm inqas impatt u ma jintilfux parking bays.

5.22.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Żona Identifikata Bħala Designated Area għall-Caravans fiċ-Ċirkewwa (T/3/2/Vol XIX)

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li t-tabella li hemm fiċ-Ċirkewwa li tindika li hemmhekk hija designated area għall-caravans titneħħa, peress li vetturi oħra li jipparkjaw hemmhekk qed jaqilgħu ċitazzjoni.

5.23.3. Huwa qal li kemm-il li daħal fis-seħħ l-avviż legali li awtorizza l-parkeġġ ta'caravans kullimkien, din it-tabella m'għadhiex tapplika.

5.23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex minħabba l-urġenza, ix-xogħlijiet ta' scarifying ta' diversi toroq isiru permezz ta' Direct Order, ġiet aċċettata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

5.24.3. Is-Sindku G. Micallef qal dan ifisser li l-Kunsill jista' jibda bl-interventi neċessarji f'dawk it-toroq l-aktar perikolużi u skont il-lista ta' toroq li kien identifika.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.5. Attivitajiet fil-Mellieħa f'Mejju 2026 (A/6/3 Vol X)

5.24.6. Is-Sindku għarraf li l-avvenimenti organizzati minn XTERRA fil-Mellieħa, din is-sena ser isiru bejn it-23 u l-24 ta' Mejju 2026.

5.24.7. Huwa għarraf ukoll li The Distinguished Gentlemen's Ride din is-sena ser issir fit-18 ta' Mejju 2026 f'Misraħ il-Parroċċa.

5.24.8. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni biex jinforma lill-Kunsill li Din l-Art Ħelwa u l-Fondazzjoni 'Il-Mellieħa' t-tnejn qed jitolbu biex issir laqgħa mal-Kunsill.

5.24.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Restawr tal-Pilastru fi Triq il-Qammieħ (R/2/Vol III)

5.25.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali din il-ġimgħa bdiet ix-xogħol ta' restawr fuq il-pilastru li hemm fil-bidu ta' Triq il-Qammieħ li riċentement kien ġarrab ħsarat.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1 Tnedija ta' Kotba bl-Isem ta' Open Spaces (A/2/Vol XII)

5.26.2. Is-Sindku għarraf li huwa attenda għat-tnedija tal-kotba bl-isem 'Open Spaces organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fit-12 ta' Frar 2026.

5.26.3. Huwa qal li dan l-istudju sar mill-Perit Antoine Zammit minn Studju Urban u huwa għadda kopja tal-abbozzi lill-Perit tal-Kunsill is-Sur Matthew Casha. Huwa qal ukoll li l-abbozzi kollha jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-assoċjazzjoni.

5.26.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Żona ta' Rilassament u Meditazzjoni fil-Bajja tal-Għadira (A/6/1)

5.27.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għamel referenza għal-laqgħa li saret fl-10 ta' Diċembru 2026 bejn il-Kunsill u l-Bord tad-Diretturi tal-Mellieħa Holiday Centre dwar l-art mikrija lill-Mellieħa Holiday Centre li tinsab fil-Bajja tal-Għadira u għall-proposta tal-Kunsill li din l-art tiġi msebbħa u tinbidel fi spazju ta' rilassament u meditazzjoni.

5.27.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li wara dik il-laqgħa, il-Kunsill kellu jgħarraf lill-Bord tad-Diretturi dwar x'jixtieq li jiġi nkluż f'dik l-area biex tinbidel f'żona ta' rilassament u meditazzjoni. Madanakollu, il-Bord tad-Direttur għadu qed jistenna l-proposti tal-Kunsill.

5.27.4. Għal dan il-għan, is-Sur M. Borg Cuschieri ressaq il-proposti tiegħu fosthom li tiġi nkluża l-possibiltà ta' żona fejn wieħed jagħmel 'open barbecue', żona ta' rilassamenti u interazzjoni, isir landscaping bil-possibiltà li jitħawlu xi siġar u jsir gazebo li fih ikunu jistgħu jiġu organizzati attivitajiet varji. Huwa qal li kemm-il darba jkun hemm qbil dwar dawn il-proposti, il-Kunsill ikun jista' jibgħat ir-risposta tiegħu.

5.27.5. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u nnota t-tagħrif mogħti.

### 5.28.1. Xogħol Infrastrutturali fi Triq il-Fortizza ta' Campbell (T/4/4/Vol IV)

5.28.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrefera għas-silta numru 5.28.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi.

5.28.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li s'issa fuq il-proposta tal-Kunsill biex isir intervent bil-konkos f'din it-triq, ma kien hemm l-ebda żviluppi. Madanakollu, is-Sindku żied jgħid li jeħtieġ li jinbena ħajt mqarr ta' zewġ filati jew inkella ssir crash barrier fil-kurvaturi li hemm matul it-triq, peress li kif inhuma bħalissa, hemm periklu għax m'hemm l-ebda lqugħ.

5.28.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fil-fatt huwa ħa xi ritratti u ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat works order lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex jinbena l-ħajt peress li hemm għoli ta' tliet sulari 'l isfel.

5.28..5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Inizjattiva 'Taħwil ta' Siġar u Arbuxelli' minn Project Green (A/3/Vol IV)**

5.29.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrefera għall-inizjattiva 'Taħwil ta' Siġar u Arbuxelli' ta' Project Green u staqsa jekk kinux tħawlu s-siġar fiż-żoni kollha li kien identifika u ippropona l-Kunsill. Huwa kien qed isaqsi dan peress li ma tħawlux siġar fiż-żona li l-Kunsill kien identifika fi Trejqet il-Għabex.

5.29.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li mhux il-proposti kollha tal-Kunsill kienu ġew aċċettati madanakollu l-Kunsill jista' jikkunsidra jħawwel xi siġar fuq inizjattiva tiegħu.

5.29.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Division (T/4/5/Vol IV)**

5.30.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq ifakkar fil-laqgħa li l-Kunsill għad irid jagħmel mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Division dwar is-servizz offrut mid-Diviżjoni fil-Mellieħa.

5.30.3. Is-Sindku G. Micallef qal li tajjeb li qabel issir din il-laqgħa, il-Kunsill jipprepara agenda tal-punti li jridu jiġu diskussi.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Tabelli dwar Parkeġġi Riservat għar-Residenti Biss (T/3/2/Vol XIX)**

5.31.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri talab li terġa' ssir referenza għall-materja dwar il-parkeġġi riservati għar-residenti biss, peress li f'żoni bħal Ta' Gerbulin u fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa teżisti problema kbira għar-residenti li joqogħdu f'dawn it-toroq għax ma jsibux fejn jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

5.31.3. Fuq din il-materja, il-membri tal-Kunsill kienu tal-opinjoni li kemm-il darba l-Kunsill jintroduċi din is-sistema f'dawn iż-żoni partikolari, il-Kunsill ċertament li ser jirċievi diversi talbiet għal żoni oħra fejn hemm l-istess problema.

5.31.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa resident li joqgħod fi Triq il-Kbira u llum il-ġurnata żdiedu r-residenti li joqogħdu fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa. Huwa qal li quddiem ir-residenza tiegħu jista' jsir parkeġġ bil-ħin biss. Madanakollu, kemm-il darba l-Kunsill jikkunsidra li dawn iż-żoni partikolari jiġu riservati għar-residenti għal tal-inqas filgħaxija, ikun ta' benefiċċju kbir għar-residenti kollha.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li din il-materja għandu jagħtiha aktar ħsieb.

**5.32.1 Żjara minn Ms Marisa Pisani, id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy (F/1/7)**

5.32.2. Is-Sindku għarraf li fl-20 ta' Frar 2026, żaret l-uffiċini tal-Kunsill Ms Marisa Pisani – id-Direttur għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy flimkien ma' membri mis-Segretarjat tagħha. Min-naħa tal-Kunsill kienu preżenti flimkien miegħu l-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li din il-laqgħa saret bil-għan li jiġu diskussi l-iskemi pendenti li kellu l-Kunsill, u l-importanza li l-Kunsill ma jitlifx dawn il-fondi.

5.32.3. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ta kelma li l-Kunsill huwa kommess li jwettaq il-proġetti kollha li għalihom irċieva parti mill-fondi li ġew allokati għalihom, u ħa jibqa' jżomm id-Direttor infurmat bl-andament ta' dawn il-proġetti. Hawnhekk ippreżenta il-lista tal-proġetti u tal-iskemi rispettivi pendenti li ġew diskussi fil-laqgħa u ta spjega dettaljata fejn wasal kull proġett:

1. **SPI/SCI/4/2023: Skema ta' Finanzjament: Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati - (Kuntratt tax-xogħlijiet ingħata)**

| Ammont Approvat | Fondi li għaddew għand il-K.L. | Bilanċ Pendenti |
|---|---|---|
| €7,777.50 | €5,833.13 | €1,944.37 |

2. **SPI/SCI/7/2021: Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġett Infrastrutturali (Family Park Dressing Rooms – Ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru meta jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-multi purpose court)**

| Ammont Approvat | Fondi li għaddew għand il-K.L. | Bilanċ Pendenti |
|---|---|---|
| €45,536.20 | €22,786.10 | €22,786.10 |

3. **SPI/SCI/6/2020: Finanzjament għall-Kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa (Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar – ix-xogħlijiet imminenti li jibdew)**

| Ammont Approvat | Fondi li għaddew għand il-K.L. | Bilanċ Pendenti |
|---|---|---|
| €85,103.76 | €63,827.82 | €21,275.94 |

4. **SPI/SCI/2/2021: Titjib tal-kundizzjoni tal-Playing Fields (Family Park Court – saret reviżjoni tal-Bill of Quantities u s-Sejħa għall-Offerti ħierġa dalwaqt)**

| Ammont Approvat | Fondi li għaddew għand il-K.L. | Bilanċ Pendenti |
|---|---|---|
| €38,835.99 | €29,126.99 | €9,709.00 |

5. **SPI/SCI/3/2020: Panoramic Lift**

| Ammont Approvat | Fondi li għaddew għand il-K.L. | Bilanċ Pendenti |
|---|---|---|
| €33,407.55 | €25,055.56 | €8,351.99 |

5.32.4. Is-Sindku G. Micallef qal li dwar l-iskema 'Binjiet tal-Kunsilli Lokali', Ms Marisa Pisani għarrfet illi ser tkun qed tibgħat sitt ħaddiema mid-Diviżjoni tagħha sabiex jagħmlu manutenzjoni tal-aperturi kif ukoll jiżbgħu l-uffiċċju kollu fuq ġewwa.

5.32.5. Dwar l-iskema li kienet immirata sabiex isir lift panoramiku viċin is-Santwarju Nazzjonali tal-Mellieħa, Ms Pisani talbet lill-Kunsill jerġa' jikkunsidra li jimplimenta dan il-proġett u ssuġġerit li l-Kunsill javviċina lis-Sovrintenda għall-Patrimonju Kulturali u jagħti spjega dettaljat fuq x'hiex jikkonsisti eżatt dan il-proġett għax m'għandux għalfejn jibqa' ma jsirx. Hija fehmet l-importanza ta' dan il-proġett u laqgħet fil-pożittiv il-ġustifikazzjonijiet li l-Kunsill tagħha kemm fejn jidħol l-ammont enormi ta' turisti li jżuru l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u s-Santwarju Nazzjonali u l-importanza għaldaqstant ta' aċċess bejn dawn iż-żewġ postijiet storiċi tal-Mellieħa.

5.32.6. Hawnhekk is-Sindku ħa l-opportunità sabiex jinforma lill-Kunsill li l-Arċipriet stiednu għal-laqgħa u li matulha ġew diskussi primarjament l-importanza li ssir promozzjoni tajba lill-Mużew tal-Pellegrini wara l-investiment kbir li sar min-naħa tal-Parroċċa u l-importanza li jsir il-lift panoramiku li permezz tiegħu tinħoloq link bejn Misraħ il-Parroċċa fejn għandek il-Knisja Arċipretali u Triq l-Inkurunazzjoni fejn għandek is-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa u l-Mużew tal-Pellegrini.

5.32.7. Il-membri tal-Kunsill kollha qablu li hemm il-ħtieġa li jsir marketing tajjeb ta' dawn il-postijiet storiċi u uniċi fil-karatteristiċi tagħhom u saru diversi suġġerimenti kif dan għandu jsir.

5.32.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.33.1. Taħdita mill-Victim Support Agency (K/1/6/Vol III)

5.33.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li t-taħdita mill-Victim Support Agency saret kif kien ippjanat fis-17 ta' Frar 2025 fid-9.30 ta' filgħodu. Hija qalet li t-taħdita kienet interessanti ħafna, iżda sfortunatament kienet ġurnata maltemp u kien hemm ftit attendenza għaliha. L-organizzaturi apprezzaw ferm li attenda wkoll membru mit-tim tal-Pulizija tal-Komunità. Madanakollu, il-Victim Support Agency lesti li jerġgħu jorganizzaw taħdita oħra

5.33.3. Is-Sindku ħa din l-opportunità sabiex jirreferi għat-talba li din l-aġenzija għamlet lill-Kunsill fis-17 ta' Frar 2026. Huwa qal li l-Victim Support Agency qed jitolbu jekk hux possibbli jikru kamra fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom minnha.

5.33.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li din l-aġenzija tagħmel użu minn kamra fl-uffiċċju tal-Kunsill kemm-il darba l-Kunsill għandu waħda available, iżda mingħajr ma jkun hemm xi tip ta' rbit.

5.33.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.34.1. PA 00818/26 (PA 02731/24) - |Żvilupp Agri-Turistiku fl-Inħawi Tat-Tomna (P/5/8/T)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-Gazzetta tal-Gvern ippubblikata fil-11 ta' Frar 2026, reġgħet dehret l-applikazzjoni ta' żvilupp agri-turistiku fl-inħawi tat-Tomna. Huwa qal li lura fl-2024, il-Kunsill kien oġġezzjona għal dan l-iżvilupp u issuġġerixxa li dan il-Kunsill jerġa jtenni l-posizzjoni tiegħu.

5.34.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu jikkonsulta mal-Perit Carmel Cacopardo biex tiġi ppreparata rappreżentazzjoni li jistgħu jsiru sat-13 ta' Marzu 2026.

## 5.35.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)

5.35.2. Dwar il-pubblikazzjoni 'Snajjin', is-Sindku għarraf li s-Sur Stephen Cachia (it-tifel tal-mibki s-Sur Joseph F. Cachia) talab li jingħata kopja tal-pubblikazzjoni.

5.35.3. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser jieħu ħsieb jgħaddilu kopja u possibbilment jitkellem miegħu dwar it-tnedija ta' din il-pubblikazzjoni.

5.35.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.36.1. Is-Sistema tad-Dawl fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)**

5.36.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li bosta residenti avviċinawh peress li d-dawl ta' Ġnien il-Qigħan huwa baxx u l-ġnien qed ikun mudlam.

5.36.3. Huwa ssuġġerixxa li peress li l-Kunsill flimkien mal-ERA ser jagħmlu xogħol ta' titjib f'dan il-ġnien, il-Kunsill jipproponi li f'dan il-proġett għandha tinbidel ukoll is-sistema tad-dawl.

5.36.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.37.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)**

5.37.2. Il-Kunsillier K.Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tal-kwistjoni ma' CareMalta Ltd.

5.37.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li CareMalta għandhom jipproponu data sabiex issir laqgħa bejn il-Kunsill u bejnhom.

5.37.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.38.1. Communal Disabled Parking Bays fi Triq Gorg Borg Olivier u fi Triq San Pawl (P/8/2/Vol VI)**

5.38.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-imejl datat 11 ta' Frar 2026 mibgħut mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, dwar talba biex Transport Malta u l-Kunsill jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' Communal Disabled Parking Bay fi Triq Gorg Borg Olivier preċiżament quddiem l-ispiżerija Browns.

5.38.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba t-talba qed issir mill-Kummissjoni stess, il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u għandu jwieġeb f'dan ir-rigward.

5.38.4. Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba mibgħuta mis-Società Filarmonica La Vittoria sabiex possibiliment il-parkeġġ riservat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fi Triq San Pawl biswit is-sede tagħhom, jiġi riallokat għall-post oriġinali tiegħu fi Triq Salvinu Vella.

5.38.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li dak il-parkeġġ għall-persuni bi bżonnijiet speċjali sar fi Triq San Pawl, biex meta Misraħ il-Parroċċa jkun magħluq għat-traffiku, persuni bi bżonnijiet speċjali jkollhom fejn jipparkjaw.

5.38.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità dwar il-possibiltà li dan il-parkeġġ jiġi riallokat għall-post oriġinali tiegħu fejn anke hemm rampa li tipprovdi aċċessibiltà għall-knisja arċipretali.

**5.39.1. Art fi Triq Żnuber ma' Triq Salvu Camilleri ma' Triq tas-Salib (A/6/1) (P/5/8/Z)**

5.39.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-iżvilupp propost tal-art li tinsab fi Triq Żnuber ma' Triq Salvu Camilleri u Triq tas-Salib. Huwa qal li bħala Kunsill, l-ewwel saret laqgħa mar-residenti imbagħad mal-iżviluppatur. L-oġġezzjoni saret f'Diċembru 2024.

5.39.3. Huwa kompla billi qal li r-residenti qed jistennew li l-Kunsill ikompli jagħmel pressjoni jew joħroġ xi tip ta' stqarrija, biex din l-art terġa' tgħaddi għand il-Gvern Ċentrali. Għaldaqstant, għamel referenza għall-email li huwa bagħat f'Novembru 2025 lill-membri tal-Kunsill, fejn għarraf dwar il-ħsieb tiegħu li ssir petizzjoni parlamentari biex il-Gvern Ċentrali b'mod immedjat jagħmel esproprjazzjoni ta' din l-art. Huwa fakkar li l-petizzjoni parlamentari kienet taqra kif ġej:

"Talba għall-Eżproprjazzjoni ta' Art Pubblika fil-Mellieħa – PA 07710/24

Li dan il-Parlament,

1) Billi ġie nnotat li l-applikazzjoni għall-iżvilupp PA 07710/24 tipproponi l-kostruzzjoni ta' guesthouse b'26 kamra u 28 appartament fuq biċċa art pubblika li tinsab bejn Triq is-Salib, Triq Salvu Camilleri u Triq iż-Żnuber, fil-Mellieħa, li kienet tappartjeni lill-Gvern iżda ngħatat lil entità privata permezz ta' tender maħruġ mill-Awtorità tal-Artijiet (Lands Authority);

2) Billi dan l-iżvilupp jinkludi wkoll spa, pools, bar, gym u żoni turistiċi oħra f'nofs żona residenzjali kwieta, u se jġib miegħu pressjoni fuq is-sistemi ta' drenaġġ, ilma u elettriku, kif ukoll fuq it-traffiku lokali, filwaqt li jżid il-ħmieġ, l-istorbju u t-tniġġis tad-dawl;

3) Billi din hija t-tieni darba fi żmien qasir fejn art pubblika fil-Mellieħa tintuża għal żvilupp massiċċ u mhux sostenibbli, b'referenza għall-proġett preċedenti fiż-żona ta' Mellieħa Heights;

4) Billi dokumentazzjoni uffiċjali turi li fl-2003 il-Kunsill Lokali Mellieħa kien diġà talab formalment sabiex din l-art tintuża għal skopijiet ta' tisbiħ u landscaping pubbliku, bl-għan li l-post jinbidel f'żona rikreattiva miftuħa għall-komunità;

Billi il-Perit tal-Kunsill Lokali Mellieħa, f'oġġezzjoni uffiċjali, iddikjara li l-proposta:

1) Tikser il-policy NWTO 1 tal-Pjan Lokali tal-Majjistral li tiddikjara li akkomodazzjoni turistika ġdida għandha tkun biss fiċ-Ċentru tal-Belt (MAP 25 North West Local Plan);
2) Taqbeż il-limiti tal-għoli permess ta' tliet sulari u basement skont il-Pjan Lokali u l-Anness 2 tad-DC 2015;
3)Toħloq impatt serju fuq it-traffiku u l-infrastruttura tal-madwar;

Billi fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni hemm inkluża wkoll petizzjoni estensiva ta' residenti li jopponu l-proġett fuq dawn ir-raġunijiet prinċipali:

1) Impatt qawwi fuq it-traffiku f'toroq dejqa b'parkeġġ limitat u b'inqas postijiet minn dawk li qed jiġu proposti;
2)Impatt tal-istorbju minħabba attività turistiċi, pools fuq il-bejt u servizzi relatati mal-guesthouse;
3)Telf ta' privatezza u dawl naturali minħabba ż-żieda fl-għoli tal-binja;
4) Ħsara ambjentali fuq żona mhux żviluppata li sservi ta' "green lung" naturali, fejn instabu ħlejjaq protetti bħall-hedgehogs u siġar indiġeni;
5) Impatt fuq il-wirt storiku minħabba l-prossimità tal-Fortizza tal-Mellieħa, struttura storika marbuta ma' Fort Campbell użata storikament mill-Mellieħa Scouts;

Għaldaqstant, qed jintalab lill-Gvern biex:

1) Jintevrjeni permezz t'esproprjazzjoni immedjata tal-art sabiex terġa' tidħol taħt il-kontroll pubbliku u tingħata lura lin-nies tal-Mellieħa;
2) Jalloka fondi speċifiċi sabiex l-art tiġi żviluppata bħala ġnien jew spazju aħdar pubbliku, skont il-viżjoni oriġinali tal-Kunsill Lokali Mellieħa fl-2003.

Din it-talba ssir biex tiġi salvagwardjata l-art pubblika, tiġi mħarsa l-integrità taz-zona in kwistjoni tal-lokalità, u jiġi affermat il-prinċipju li l-art tal-poplu għandha tibqa' għall-ġid tal-poplu."

5.39.4. Is-Sindku qal li kien qed jerġa' jressaq dan il-ħsieb, biex jekk hemm xi osservazzjonijiet isiru għax huwa ma jixtieqx li jkun hemm biss oġġezzjoni għall-iżvilupp.

5.39.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa il-proċess tal-applikazzjoni għall-iżvilupp f'hiex waslet u s-Sindku wieġeb li s'issa saret biss l-applikazzjoni għall-iżvilupp.

5.39.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill jista' jara jekk hemmx bażi legali biex wieħed jiġġieled l-argument peress lura fl-2003/2004, il-Kunsill kien għamel talba lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex din l-art tgħaddi f'idejh. Madanakollu, l-Awtorità tal-Artijiet kienet wieġbet li għandha bżonnha.

5.39.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.40.1. Il-Parking Bays fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XIX)**

5.40.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li rċeviet talba sabiex isir refreshing tal-parking bays matul Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

5.40.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.41.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)**

5.41.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-istudju li l-Kunsill ikkummissjona lil Culture Venture tlesta u kopja tiegħu tqassmet lil kull membru tal-Kunsill. Huwa ħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill sabiex jagħtu l-feedback tagħhom.

5.41.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza laqgħa li matulha Culture Venture tagħti spjega fuq dan l-istudju u kopja tiegħu tiġi ppreżentata lill-għaqdiet lokali.

5.41.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.42.1. Tindif ta' Soft Area fi Triq l-Etna (K/6/3/Vol V)**

5.42.2. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li kemm-il darba l-Kunsill jidentifika li s-soft area li hemm fi Triq l-Etna hijiex pubblika jew privata, possibiliment isir tindif tagħha.

5.42.3. Is-Sindku G. Micallef qal li bħala soft area hija mdaħħla fil-kuntratt dwar iż-Żamma ta' Ġonna Pubbliċi u Soft Areas u għaldaqstant ser isir mal-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb jagħmel it-tindif meħtieġ.

5.42.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.43.1. L-Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2026 (F/1/37)**

5.43.2. Is-Sur J. Cauchi talab li l-membri tal-Kunsill jingħataw kopja taċ-ċirkulari kif inhi mqassma l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2026.

5.43.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kopja tagħha ser titqassam kif mitlub.

**5.44.1. Ir-Railing ta' Matul il-Promenade tal-Għadira (X/1/2/Vol II)**

5.44.2. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li ssir talba lill-entitajiet responsabbli sabiex isir tindif u jekk hemm bżonn manutenzjoni tar-railing matul il-promenade tal-Għadira.

5.44.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jagħmel it-talba lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

**5.45.1. Viewing Telescope u Gate fil-Playing Field ta' Triq l-Erwieħ (P/2)**

5.45.2. Il-Kunsilliera C. Castillo talbet li tiġi rrapurtata l-viewing telescope li hemm fil-playing field ta' Triq l-Erwieħ peress li mhix taħdem u tiġi ċċekkjata wkoll il-gate li tagħti għat-taraġ.

5.45.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.46.1. L-Iskema RT001/2025 mnedija mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana (S/6/Vol VII)**

5.46.2. Is-Sindku għamel referenza għall-iskema RT001/2025 mnedija fis-sena 2025 mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana, fejn kull Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Tramuntana setgħu japplikaw sa massimu ta' €27,000 kull wieħed biex jorganizza attivitajiet u inizjattiva kulturali, fost oħrajn.

5.46.3. Is-Sindku kompla billi qal li s'issa l-Kunsill utilizza dawn l-ammonti minn din l-iskema:

€1,500 – Kunċert tal-Festa bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda tan-Nar Marija Bambina;

€1,000 – Kunċert Annwali tal-Milied bil-kollaborazzjoni tas-Società Filarmonica La Vittoria;

€1,000 – Xiri ta' 'padding' biex jeħel mal-apparat sportiv tal-Basketball li hemm fil-multi purpose court fil-Park tal-Familja;

€1,000 – Xiri ta' apparat sportiv għad-dixxiplina sportive tan-Netball;

€1,000 – Fjakkolata fil-Manikata f'Ħamis ix-Xirka;

5.46.4. Huwa għadda biex għamel referenza għat-talba li għamlet l-Għaqda Mużikali Imperial sabiex il-Kunsill possibilment jikkollabora, fl-ewwel ġemellaġġ f'Malta bejn banda lokali u banda barranija. Fil-fatt, l-Għaqda Mużikali Imperial ser tidħol fi ftehim ta' ġemeallaġġ mal-Eynsford Concert Band tar-Renju Unit. Bħala għaqda mużikali qed jippjanaw li jitilgħu r-Renju Unit bejn l-10 u l-15 ta' Settembru 2026 sabiex waqt żjara kulturali jiġi ffirmat il-ftehim ta' ġemellaġġ. Eynsford Concert Band imbagħad mistennija żżur il-Mellieħa f'Mejju 2027.

5.46.5. Is-Sindku għamel referenza wkoll għat-talba li għamlet is-Società Filarmonica La Vittoria sabiex il-Kunsill possibilment jikkolabora fl-inizjattiva ta' recording ta' sett ta' marċi ġodda brijużi. Dawn il-marċi ser jindaqqu għall-ewwel darba fil-Festa tal-Vitorja ta' din is-sena.

5.46.6. Peress li l-iskema RT001/2025 tiġi fi tmiemha f'Awwissu 2026, is-Sindku ippropona li l-bilanċ jitqassam kif ġej:

€3,000 jingħataw lil kull għaqda mużikali;

€8,000 jitqassmu bejn għaqdiet sportivi u għaqdiet lokali oħra; u

Jitħalla l-bilanċ ta' €4,500 għall-eventwalità li ssir xi inizjattiva oħra li ma kinitx ippjanata.

5.46.7. Il-membri tal-Kunsill kollha qablu ma' din il-proposta.

## 5.47.1 L-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Kunsill 2025 (F/1/2/Vol IX)

5.47.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur D. Galea sabiex jispjega l-istqarrijiet imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-i*Statement of Comprehensive Income* għall-2025 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,385,786, kontra nefqa rikorrenti ta' €1,321,388, biex b'hekk is-sena spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €64,298.

5.47.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,262,860. Kien hemm dħul ta' €14,404 marbut ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet, użu ta' faċilitajiet, permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €10,609, kif ukoll ieħor ta' natura ġenerali li ammonta għal €97,913. Dan kien ġej minn kontribuzzjonijiet li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ. Irriżulta li kien hemm tnaqqis ta' €167,456 fuq tas-sena preċedenti.

5.47.4. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti laħqet €263,400.

5.47.5. In-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni ammontat għal €550,813 u n-nefqa fuq l-Amministrazzjoni, li tinkludi d-deprezzament fuq l-assi permanenti ammontat għal €550,813. Fil-fatt d-deprezzament fuq l-assi permanenti naqset b'€15,704 fuq is-sena 2024 u issa qed jammonta għal €191,29. Madanakollu, ċertament qed iħalli effett sostanzjali fuq l-infieq tal-Kunsill Lokali.

5.47.6. Is-Sur D. Galea spjega wkoll li l-Kunsill għandu proġetti kapitali kommessi b'kemm għandu bilanċi fil-banek. Fil-fatt f'nota 20 tal-unaudited financial statements hemm il-lista ta' proġetti kapitali li l-Kunsill qabel li jiġi nklużi fil-Baġit għas-sena 2026.

5.47.7. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

### 5.48.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Diċembru 2024 (F/1/1/Vol IV)

5.48.2. L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea kien preżenti wkoll għal din il-parti tas-seduta, u stqarr li l-figuri f'dan ir-rendikont finanzjarju huma l-istess figuri li ġew ippreżentati fl-Unaudited Financial Statements 2025. Huwa qal li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Diċembru 2025 kien jammonta għal €1,386,061 li jikkonsisti f'€1,262,860 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €100,125 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, €120,609 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u €12,467 minn dħul ieħor.

5.48.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€195,978 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €3,257,538. Dawn kienu jikkonsistu f'Cash and Cash Equivalents li jammontaw għal €3,212,643, Inventarji (Stocks) €14,684, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €30,211.

5.48.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €1,714,456 għal €1,492,989. Dawn kienu magħmula minn €180,121 fuq Ammonti Pagabbli, €96,248 Accruals u €1,216,620 Deferred Income.

5.48.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €1,321,388 u tikkonsisti minn €263,400 fuq Pagi, Onorarji u Allowances, €811,105 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €55,587 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €191,296.

5.48.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta surplus ta' €64,673. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żdied fuq it-trimestru preċedenti u kien 147%. Dan ifisser li l-Kunsill għandu l-qagħda finanzjarja tiegħu b'saħħitha ħafna.

5.48.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €71,745 filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,879,204, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,335,633, sa tmiem il-perjodu kopert birrapport.

5.48.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: melliehalc@gov.mt.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera E. Bartolo illi tgħid:

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;

U billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2025 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2025, kif deskritt fil-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2025, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2025, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skont ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.". (Wages)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Cauchi.

### 6.1.2. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2025 ġew spjegati fid-dettal waqt is-Seduta tal-Kunsill Nru. 22 u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom, kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduh lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)

Il-mozzjoni

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur M. Borg Cuschieri.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 21 ta' Frar 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn l-24 ta' Jannar 2026 u l-21 ta' Frar 2026.

7.1.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.15pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2026 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| iffirmati | iffirmati |
| Gabriel Micallef | Marica Gambin |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |